ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 154

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

19 ta' Ġunju 2008

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kummissjoni** | |
| 2008/C 154/01 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: Żingu; klorur taż-żingu; distearat taż-żingu (1) | 1 |
| 2008/C 154/02 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet | 11 |
| | IV *Informazzjoni* | |
| | INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kummissjoni** | |
| 2008/C 154/03 | Rata tal-kambju ta' l-euro | 15 |
| | INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI | |
| 2008/C 154/04 | Tagħrif fil-qosor imwassal mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 | 16 |

MT



(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)**

2008/C 154/05 Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AST/65/08 ........ 22

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2008/C 154/06 Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5126 — Ineos/BASF Assets) (1) ........ 23

**Rettifikazzjonijiet**

2008/C 154/07 Rettifika għall-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE *(ĠU C 143, 10.6.2008)* ........ 24


MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi: Żingu; klorur taż-żingu; distearat taż-żingu

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 154/01)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti ([1]) jinvolvi r-rappurtar tad-dejta, l-iffissar tal-prijoritajiet, il-valutazzjoni tar-riskju u, fejn meħtieġ, l-iżvilupp ta' strateġiji biex ikunu limitati r-riskji ta' sustanzi eżistenti.

Fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 is-sustanzi li ġejjin kienu identifikati bħala sustanzi ta' prijorità għall-valutazzjoni skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2268/95 ([2]) li jikkonċerna t-tieni lista ta' sustanzi ta' prijorità kif previst fir-Regolament (KEE) Nru 793/93:

— żingu,

— klorur taż-żingu,

— distearat taż-żingu.

L-Istat Membru rapporteur maħtur skond dan ir-Regolament temm l-attivitajiet tal-valutazzjoni tar-riskju għall-bniedem u għall-ambjent għal dawk is-sustanzi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 tat-28 ta' Ġunju 1994 li jistipula l-prinċipji għal studju dwar ir-riskji lill-bniedem u l-ambjent ta' materjali eżistenti ([3]) u ssuġġerixxa strateġija biex ikunu limitati r-riskji skond ir-Regolament (KEE) Nru 793/93.

Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE) u l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER) kienu kkonsultati u ħarġu opinjoni dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju li saru mir-rapporteur. Dawn l-opinjonijiet jistgħu jinsabu fuq il-websajt tal-Kumitati Xjentifiċi.

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jistipula li r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġija rakkomandata biex ikunu limitati r-riskji għandhom jiġu adottati fuq livell Komunitarju u ppubblikati mill-Kummissjoni. Din il-Komunikazzjoni, flimkien mar-Rakkomandazzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni 2008/464/KE ([4]) [inkludi ref. għar-rakkomandazzjoni], tipprovdi r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju ([5]) u strateġiji biex ikunu limitati r-riskji għas-sustanzi msemmija hawn fuq.

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji biex ikunu limitati r-riskji li għalihom tipprovdi din il-komunikazzjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li twaqqaf skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93.

---

([1]) ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 231, 28.9.1995, p. 18.
([3]) ĠU L 161, 29.6.1994, p. 3.
([4]) ĠU L 160, 19.6.2008.
([5]) Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tar-Riskju komprensiv, kif ukoll sommarju tiegħu, jistgħu jinsabu fuq is-sit ta' l-internet ta' l-Uffiċċju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi: http://ecb.jrc.it/existing-substances/

*ANNESS*

**PARTI 1**

| | |
|---|---|
| CAS Nru: 7440-66-6 | Einecs Nru: 231-175-3 |

| | |
|---|---|
| Formula Strutturali: | Zn |
| Isem Einecs: | Żingu |
| Isem IUPAC: | Żingu |
| Rapporteur: | L-Olanda |
| Klassifika ([1]): | F; R15-17 (trab taż-żingu — trab taż-żingu (piroforiku))<br>N; R50-53 (trab taż-żingu — trab taż-żingu (piroforiku))<br>N; R50-53 (trab taż-żingu — trab taż-żingu (stabbilizzat)) |

Il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq prattiki relatati maċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza prodotta jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju mibgħuta lill-Kummisjoni mill-Istat Membru Rapporteur. Il-valutazzjoni tar-riskju twettqet skond il-metodoloġija għall-metalli applikabbli dak iż-żmien u skond id-Dokument ta' Gwida Teknika dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju li jsostni r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 dwar il-valutazzjoni tar-riskju għal sustanzi eżistenti.

Il-valutazzjoni tar-riskju ddeterminat, abbażi tat-tagħrif disponibbli, li fil-Komunità Ewropea s-sustanza tintuża primarjament fl-iggalvanizzar u fir-ram isfar. Użijiet oħra huma f'ligi għall-proċess li bih isir xogħol fondut minn forom tal-metall, żingu mrembel/maħdum, pigmenti u kimiki u għall-produzzjoni ta' komposti oħra taż-żingu. L-użijiet taż-żingu u ta' ċerti komposti taż-żingu bħala nanomaterjali ma ġewx ivvalutati.

Il-Konċentrazzjonijiet Mingħajr Effett Previsti (PNECs) għall-metall taż-żingu inklużi fil-valutazzjoni tar-riskju ġew derivati biss għall-għanijiet tal-valutazzjoni tar-riskju. M'għandhomx jintużaw għal għanijiet oħrajn, bħall-iffissar ta' standards ambjentali ta' kwalità jew livelli ta' sanità, mingħajr konsiderazzjoni aktar fil-fond ta' jekk humiex adattati għal dak il-għan. F'kull każ għandha tiġi inkorporata korrezzjoni xierqa tal-bijodisponibilità bħala parti essenzjali tal-proċess.

## VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

### A. **Is-saħħa tal-bniedem**

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ĦADDIEMA

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-KONSUMATURI

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

([1]) Il-klassifika tas-sustanza hija stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta' April 2004 (ĠU L 152, 30.4.2004, p. 1 amendat b' ĠU L 216, 16.6.2004, p. 3) li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-BNEDMIN ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għas-SAĦĦA TAL-BNIEDEM (proprjetajiet fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

B. **L-ambjent**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ATMOSFERA

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA AKKWATIKA INKLUŻ IS-SEDIMENT

1.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji għas-sitwazzjonijiet speċifiċi elenkati hawn taħt. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent lokali akkwatiku (inkluż is-sediment) bħala konsegwenza ta' esponiment mill-produzzjoni tal-metall taż-żingu u mill-użu fl-iggalvanizzar permezz ta' immersjoni sħuna kontinwa, fl-elettrogalvanizzar, fir-ram isfar, bħala liga għall-proċess li bih isir xogħol fondut minn forom tal-metall, bħala żingu mrembel/maħdum u bħala trab taż-żingu. Għal għadd ta' siti ta' produzzjoni u ta' sitwazzjonijiet ta' pproċessar ta' metall taż-żingu ma ġie identifikat l-ebda tħassib immedjat iżda riskju potenzjali fuq skala lokali ma jistax jiġi eskluż minħabba l-possibilità ta' l-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' żingu fir-reġjun,

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent akkwatiku reġjonali (inkluż is-sediment) minħabba livelli elevati taż-żingu reġjonali f'xi wħud, iżda mhux fl-ilmijiet tal-wiċċ u fis-sedimenti reġjonali kollha.

F'reġjuni fejn jinsabu dawn l-ilmijiet (inkluż is-sediment), huwa rakkomandat ħafna li t-tagħrif disponibbli dwar sorsi magħrufin u potenzjali ta' emissjonijiet taż-żingu, u konċentrazzjonijiet naturali speċifiċi għar-reġjun jitqiesu bir-reqqa qabel jittieħdu deċiżjonijiet dwar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.

Is-sejbiet tar-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju huma li l-użijiet attwali taż-żingu u tal-komposti taż-żingu fihom infushom ma jwasslux għal-livelli reġjonali għolja li kien hemm fl-ilma tal-wiċċ u fis-sediment.

Il-livelli għolja taż-żingu f'dawk l-ilmijiet u s-sedimenti, fejn jinsabu, jistgħu jkunu kkawżati minn taħlita ta' żingu u komposti taż-żingu. Il-livelli elevati jiġu minn sorsi varji ta' emissjonijiet, inklużi punti ta' sorsi lokali industrijali, kontaminazzjoni storika, attivitajiet fil-minjieri, sorsi ġeoloġiċi u mxerrdin. Il-kontribuzzjoni ta' kull wieħed minn dawn is-sorsi tista' tvarja bejn ir-reġjuni.

Punti ta' sorsi lokali industrijali jistgħu jinkludu proċessi industrijali li jużaw u jarmu żingu u komposti taż-żingu, kif ukoll proċessi oħrajn li huma sorsi mhux intenzjonati u mhumiex direttament relatati ma' l-industriji li jipproduċu jew jużaw iż-żingu. Dawn ma ġewx eżaminati fir-rapport tal-valutazzjoni tar-riskju, iżda jistgħu madankollu jkollhom emissjonijiet taż-żingu fl-ambjent akkwatiku.

1.2 hija li hemm il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent akkwatiku (inkluż is-sediment) tul l-awtostradi fl-UE. Minħabba għadd ta' inċertezzi huwa meħtieġ tagħrif addizzjonali biex din il-parti tal-valutazzjoni tar-riskju tkun irfinata.

1.3 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 1.1 u 1.2 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA TERRESTRI

2.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji għas-sitwazzjonijiet speċifiċi elenkati hawn taħt. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar l-ambjent lokali terrestri bħala konsegwenza ta' esponiment mill-użu f'iggalvanizzar permezz ta' immersjoni sħuna kontinwa u fl-elettrogalvanizzar.

2.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati, għas-sitwazzjonijiet lokali u reġjonali kollha (sorsi ta' linja fil-limiti terrestri tat-toroq u akkumulazzjoni taż-żingu fil-ħamrija reġjonali), inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 2.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT TAD-DRANAĠĠ

3.1 hija li hemm il ħtieġa li jkunu limitati r-riskji għal xi wħud mis-sitwazzjonijiet lokali iżda mhux għal kollha. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar mikro-organiżmi fl-impjant għat-trattament tad-dranaġġ bħala konsegwenza ta' esponiment minn uħud mis-siti ta' produzzjoni tal-metall taż-żingu u minn uħud mis-siti ta' pproċessar ta' l-iggalvanizzar permezz ta' immersjoni sħuna kontinwa, elettro-iggalvanizzar, bħala ram isfar u bħala liga għall-proċess li bih isir xogħol fondut minn forom tal-metall.

3.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, minbarra dawk elenkati fil-punt 3.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

## STRATEĠIJA BIEX IKUNU LIMITATI R-RISKJI

Għall-AMBJENT

huwa rakkomandat li:

— jiġi kkunsidrat fid-Direttiva 2008/1/KE ([1]) u fid-Direttiva 2000/60/KE ([2]) jekk hijiex meħtieġa ġestjoni addizzjonali tar-riskju għal sorsi oħra ta' emissjonijiet taż-żingu minbarra dawk mill-produzzjoni u l-importazzjoni tal-kimika (per eżempju sorsi naturali, attivitajiet fil-minjieri, tniġġis storiku u l-użu ta' komposti taż-żingu oħrajn), fejn l-istrateġija għat-tnaqqis tar-riskju identifikat li qed isir kontribut sinifikanti għall-emissjonijiet taż-żingu fil-kompartiment akkwatiku.

— biex ikun iffaċilitat il-ħruġ tal-permessi u l-monitoraġġ fid-Direttiva 2008/1/KE, iż-żingu għandu jiġi inkluż fil-ħidma li għaddejja bħalissa biex tiġi żviluppata gwida dwar "l-Aqwa Metodi Disponibbli" (BAT).

([1]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

## PARTI 2

| CAS Nru: 7646-85-7 | Einecs Nru: 231-592-0 |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Formula Strutturali: | $ZnCl_2$ |
| Isem Einecs: | Klorur taż-żingu |
| Isem IUPAC: | Klorur taż-żingu |
| Rapporteur: | L-Olanda |
| Klassifika ([1]): | Xn; R22<br>C; R34<br>N; R50-53 |

Il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq prattiki relatati maċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza prodotta jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju mibgħuta lill-Kummisjoni mill-Istat Membru Rapporteur. Il-valutazzjoni tar-riskju twettqet skond il-metodoloġija għall-metalli applikabbli dak iż-żmien u skond id-Dokument ta’ Gwida Teknika dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju li jsostni r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 dwar il-valutazzjoni tar-riskju għal sustanzi eżistenti.

Il-valutazzjoni tar-riskju ddeterminat, abbażi tat-tagħrif disponibbli, li fil-Komunità Ewropea s-sustanza tintuża primarjament fl-industrija tal-kimika, fl-industrija ta’ l-iggalvanizzar, fl-industrija tal-batteriji u fl-industrija agrokimika (fungiċidi). Użijiet oħrajn huma fl-industrija ta’ l-istampar u taż-żebgħa. Użijiet bħala nanomaterjali ma ġewx ivvalutati.

## VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

### A. **Is-saħħa tal-bniedem**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ĦADDIEMA

hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar irritazzjoni akuta ta’ l-apparat respiratorju bħala konsegwenza ta’ esponiment mill-inalazzjoni tal-klorur taż-żingu waqt il-produzzjoni.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-KONSUMATURI

hija li bħalissa m’hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-BNEDMIN ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa m’hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

([1]) Il-klassifika tas-sustanza hija stabbilita mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE tad-29 ta’ April 2004l (ĠU L 152, 30.4.2004, p. 1 amendat b’ ĠU L 216, 16.6.2004, p. 3) li tadatta għall-progress tekniku għad-29 darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta’ sustanzi perikolużi.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għas-SAĦĦA TAL-BNIEDEM (proprjetajiet fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

B. **L-ambjent**

Qegħdin jingħataw konklużjonijiet dwar sitwazzjonijiet lokali biss. Il-konklużjonijiet dwar ir-riskji reġjonali għall-ambjent kif deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju għall-metall taż-żingu (EINECS-Nru 231-175-3) japplikaw ukoll.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ATMOSFERA

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA AKKWATIKA INKLUŻ IS-SEDIMENT

1.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent akkwatiku lokali bħala konsegwenza ta' esponiment mill-produzzjoni f'sit wieħed u esponiment mill-użu mill-industrija taż-żebgħa u tal-linka (formulazzjoni u pproċessar).Għal sit ta' produzzjoni wieħed ma ġie identifikat l-ebda tħassib immedjat iżda riskju potenzjali fuq skala lokali ma jistax jiġi eskluż minħabba l-possibilità ta' l-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' żingu fir-reġjun,

— tħassib dwar effetti fuq organiżmi li jgħixu fis-sediment bħala konsegwenza ta' esponiment mill-produzzjoni fi tliet siti u esponiment lokali mill-użu fl-industrija tal-kimika (ipproċessar), fl-industrija tal-batteriji (ipproċessar) u fl-industrija taż-żebgħa u tal-linka (formulazzjoni u pproċessar). Għal għadd ta' siti ta' produzzjoni u sitwazzjonijiet ta' pproċessar ma ġie identifikat l-ebda tħassib immedjat iżda riskju potenzjali fuq skala lokali ma jistax jiġi eskluż minħabba l-possibilità ta' l-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' żingu fir-reġjun.

1.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 1.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA TERRESTRI

2.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— hemm tħassib dwar l-ambjent terrestri lokali bħala konsegwenza ta' esponiment mill-użu fl-industrija tal-kimika (ipproċessar), u fl-industrija taż-żebgħa penetranti u tal-linka (formulazzjoni u pproċessar).

2.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati, għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 2.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT TAD-DRANAĠĠ

3.1 hija li hemm il-ħtieġa li jkunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— thassib dwar effetti fuq mikro-organiżmi fl-impjant għat-trattament tad-dranaġġ bħala konsegwenza ta' esponiment mill-produzzjoni fi tliet siti u esponiment mill-użu fl-industrija tal-kimika (ipproċessar) u fl-industrija tażżebgħa penetranti u tal-linka (formulazzjoni u pproċessar).

3.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, minbarra dawk elenkati fil-punt 3.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

## STRATEĠIJA BIEX IKUNU LIMITATI R-RISKJI

Għall-ĦADDIEMA

Il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-ħaddiema li bħalissa tinsab fis-seħħ fuq livell Komunitarju hija ġeneralment meqjusa li tipprovdi qafas xieraq biex jiġu limitati r-riskji tal-klorur taż-żingu sa fejn meħtieġ u għandha tapplika.

għall-AMBJENT

huwa rakkomandat li

— jiġi kkunsidrat fid-Direttiva 2008/1/KE ([1]) u fid-Direttiva 2000/60/KE ([2]) jekk hijiex meħtieġa ġestjoni addizzjonali tar-riskju għal sorsi oħra ta' emissjonijiet taż-żingu minbarra dawk mill-produzzjoni u l-importazzjoni tal-kimika (per eżempju sorsi naturali, attivitajiet fil-minjieri, tniġġis storiku u l-użu ta' komposti taż-żingu oħrajn), fejn l-istrateġija għat-tnaqqis tar-riskju identifikat li qed isir kontribut sinifikanti għall-emissjonijiet taż-żingu fil-kompartiment akkwatiku.

— biex ikun iffaċilitat il-ħruġ tal-permessi u l-monitoraġġ fid-Direttiva 2008/1/KE, il-klorur taż-żingu għandu jiġi inkluż fil-ħidma li għaddejja bħalissa biex tiġi żviluppata gwida dwar "l-Aqwa Metodi Disponibbli" (BAT).

## PARTI 3

| | |
|---|---|
| CAS Nru: 557-05-1 u 91051-01-3 ([3]) | Einecs Nru: 209-151-9 u 293-049-4) |

Formula Strutturali:




| | |
|---|---|
| Isem Einecs: | Distearat taż-żingu |
| Isem IUPAC: | Dijoktadekanoat taż-żingu |
| Rapporteur: | L-Olanda |
| Klassifika: | L-ebda klassifika |

Il-valutazzjoni tar-riskju hija bbażata fuq prattiki relatati maċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza prodotta jew impurtata fil-Komunità Ewropea kif deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju mibgħuta lill-Kummisjoni mill-Istat Membru Rapporteur. Il-valutazzjoni tar-riskju twettqet skond il-metodoloġija għall-metalli applikabbli dak iż-żmien u skond id-Dokument ta' Gwida Teknika dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju li jsostni r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 dwar il-valutazzjoni tar-riskju għal sustanzi eżistenti.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([3]) Aċidu steariku prodott kummerċjalment huwa dejjem taħlita ta' dak li kimikament kien jissejjaħ aċidu steariku ($C_{18}$) u aċidu palmitku ($C_{16}$). Fil-prattika, id-deskrizzjoni "Aċidi grassi, $C_{16-18}$, imluħ taż-żingu" reġistrata taħt CAS nru 91051-01-3 taqbel b'mod aktar preċiż ma' l-istearat taż-żingu, iżda hija elenkata biss fuq l-EINECS u r-Rijassunti tal-Kimika qatt ma elenkaw artiklu fl-indiċi għal dan in-numru. Abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, in-nru CAS 91051-01-3 ġie miżjud.

Il-valutazzjoni tar-riskju ddeterminat, abbażi tat-tagħrif disponibbli, li fil-Komunità Ewropea s-sustanza tintuża primarjament fl-industrija tal-polimeri bħala komponent ta' stabilizzazzjoni, lubrikant, aġent li jneħħi l-moffa u aġent li jiksi l-gomma bit-trab.

Użijiet oħrajn huma fl-industrija taż-żebgħa u tal-verniċ bħal aġent li jillixxa u jiċċattja, fl-industrija tal-bini bħala aġent li minnu ma jgħaddix l-ilma fil-konkrit, bħala aġent li minnu ma jgħaddix l-ilma fl-industrija tal-karta, tal-polpa, tal-kartun u tat-tessuti, fl-industrija tal-kożmetiċi u f'dik farmaċewtika, fl-industriji tal-kimika u tal-metall u f'applikazzjonijiet oħrajn. Użijiet bħala nanomaterjali ma ġewx ivvalutati.

## VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

### A. **Is-saħħa tal-bniedem**

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ĦADDIEMA

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-KONSUMATURI

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-BNEDMIN ESPOSTI MILL-AMBJENT

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għas-SAĦĦA TAL-BNIEDEM (proprjetajiet fiżikokimiċi)

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

### B. **L-ambjent**

Qegħdin jingħataw konklużjonijiet dwar sitwazzjonijiet lokali biss. Il-konklużjonijiet dwar ir-riskji reġjonali għall-ambjent kif deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju għall-metall taż-żingu (EINECS-Nru 231-175-3) japplikaw ukoll.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-ATMOSFERA

hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA AKKWATIKA INKLUŻ IS-SEDIMENT

1.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent akkwatiku lokali bħala konsegwenza ta' esponiment mill-użu fl-industrija tat-tessuti (formulazzjoni), fl-industrija tal-karta, tal-polpa u tal-kartun (formulazzjoni), fl-industrija ta' l-estrazzjoni, ir-raffinar u l-ipproċessar tal-metall (ipproċessar) u fil-formulazzjoni u fl-ipproċessar minn industriji oħrajn. Għal għadd ta' siti ta' produzzjoni u sitwazzjonijiet ta' pproċessar ma ġie identifikat l-ebda tħassib immedjat iżda riskju potenzjali fuq skala lokali ma jistax jiġi eskluż minħabba l-possibilità ta' l-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' żingu fir-reġjun,

— tħassib dwar effetti fuq organiżmi li jgħixu fis-sediment bħala konsegwenza ta' esponiment lokali mill-produzzjoni f'żewġ siti u esponiment lokali mill-użu fl-industrija tal-kisi (formulazzjoni u użu industrijali), fl-industrija tat-tessuti (formulazzjoni u pproċessar), fl-industrija tal-karta, tal-polpa u tal-kartun (formulazzjoni u pproċessar), fl-industrija ta' l-estrazzjoni, ir-raffinar u l-ipproċessar tal-metall (ipproċessar) u fil-formulazzjoni u fl-ipproċessar minn industriji oħrajn u fl-użu personali u domestiku (formulazzjoni). Għal għadd ta' siti ta' produzzjoni u sitwazzjonijiet ta' pproċessar ma ġie identifikat l-ebda tħassib immedjat iżda riskju potenzjali fuq skala lokali ma jistax jiġi eskluż minħabba l-possibilità ta' l-eżistenza ta' konċentrazzjonijiet għoljin ta' żingu fir-reġjun.

1.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 1.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-EKOSISTEMA TERRESTRI

2.1 hija li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi biex ikunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar effetti fuq l-ambjent lokali terrestri b'konsegwenza ta' esponiment mill-ipproċessar fl-industrija tal-kimika u minn industriji "oħrajn".

2.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati, għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, inkluż tħassib dwar avvelenament sekondarju, minbarra dawk elenkati fil-punt 2.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

Il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskji

għall-MIKRO-ORGANIŻMI FL-IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT TAD-DRANAĠĠ

3.1. hija li hemm il-ħtieġa li jkunu limitati r-riskji. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba:

— tħassib dwar mikro-organiżmi fl-impjant għat-trattament tad-dranaġġ bħala konsegwenza ta' esponiment mill-użu fl-industrija tal-kimika (ipproċessar), fl-industrija tat-tessuti (formulazzjoni), fl-industrija tal-karta, tal-polpa u tal-kartun (formulazzjoni), fl-industrija ta' l-estrazzjoni, ir-raffinar u l-ipproċessar tal-metall (ipproċessar) u fil-formulazzjoni u fl-ipproċessar minn industriji oħrajn.

3.2 hija li bħalissa m'hemmx il-ħtieġa għal aktar tagħrif u/jew ittestjar jew għal aktar miżuri għat-tnaqqis tar-riskju minn dawk li qed jiġu applikati għas-sitwazzjonijiet lokali kollha, minbarra dawk elenkati fil-punt 3.1 hawn fuq. Din il-konklużjoni tintlaħaq minħabba li:

— il-valutazzjoni tar-riskju turi li mhux mistennija riskji. Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li diġà qegħdin jiġu applikati huma kkunsidrati bħala biżżejjed.

**STRATEĠIJA BIEX IKUNU LIMITATI R-RISKJI**

għall-AMBJENT

huwa rakkomandat li

— jiġi kkunsidrat fid-Direttiva 2008/1/KE ([1]) u fid-Direttiva 2000/60/KE ([2]) jekk hijiex meħtieġa ġestjoni addizzjonali tar-riskju għal sorsi oħra ta' emissjonijiet taż-żingu minbarra dawk mill-produzzjoni u l-importazzjoni tal-kimika (per eżempju sorsi naturali, attivitajiet fil-minjieri, tniġġis storiku u l-użu ta' komposti taż-żingu oħrajn), fejn l-istrateġija għat-tnaqqis tar-riskju identifikat li qed isir kontribut sinifikanti għall-emissjonijiet taż-żingu fil-kompartiment akkwatiku,

— biex ikun iffaċilitat il-ħruġ tal-permessi u l-monitoraġġ fid-Direttiva 2008/1/KE, id-distearat taż-żingu għandu jiġi inkluż fil-ħidma li għaddejja bħalissa biex tiġi żviluppata gwida dwar "l-Aqwa Metodi Disponibbli" (BAT).

([1]) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

**Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

(2008/C 154/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 19.3.2008 |
| Nru ta' l-għajnuna | N 311/07 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Régime d'aides en faveur de la publicité des animaux, produits animaux et produits d'origine animale |
| Bażi ġuridika | Arrêté |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Għoti ta' għajnuniet għall-azzjonijiet ta' pubbliċità |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | EUR 48 000 000 |
| Intensità | 50 % għall-kampanji fis-suq intern<br>80 % għall-kampanji f'pajjiżi terzi<br>100 % għall-kampanji ta' karattru ġenerali |
| Perjodu | 6 snin |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | L-agrikoltura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Office national interprofessionnel de l'élevage et de ses productions<br>80, avenue des Terroirs de France<br>F-75607 Paris Cedex 12 |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 19.5.2008 |
